# Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

## Illum 10 ta' Jannar, 2015.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Coulibaly Moussa**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Coulibaly Moussa** ta' 23 sena, iben Lamine u Lelessa xebba Diarra, imwieled il-Mali nhar is-26 ta' Gunju, 1992 u residenti N. 14 A Via Degli Astalli, Roma detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru AV 1707888;

Akkuzat talli nhar fid-9 ta' Jannar, 2015 u jew fil-granet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' Passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f' ismu [Coulibaly Moussa] (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif wkoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif wkoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi.

Rat il-Ligi senjatament Kap 61, Sec 5, Kap 9, Sec 189, kif wkoll Kap 217, Sec 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena kemm mill-prosekuzzjoni, kif wkoll mill-Avukat tad-difiza.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-gravita` ta` l-akkuzi li ngiebu fil-konfront ta` l-akkuzat.

Fic-cirkostanzi, ssib lill-akkuzat hati ta` l-akkuzi kollha li ngabu kil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' 6 xhur.

Tordna wkoll il-konfiska tad-dokumenti esebiti quddiemha.

***Dr. Francesco Depasquale*** ***LL.M., (IMLI), LL.D.***
***Magistrat***

***Ft*** **Marisa Bugeja**
***Lorriane Camilleri***
***Deputat Registratur***